DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1910

tal-4 ta' Novembru 2021

li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

(2) Fil-25 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ('KSNU') stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1970 (2011) żied persuna waħdamal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Annessi I u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN

([1]) ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

ANNESS

Il-persuna li ġejja tiżdied mal-lista li tinsab fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333:

"**29. Isem: 1: Osama 2: Al Kuni 3: Ibrahim 4: mhux disponibbli**

Titlu: Maniġer ta' Al Nasr Detention Center f'Zawiyah **Deżinjazzjoni:** mhux disponibbli **Data tat-twelid**: 4 ta' April 1976 **Post tat-twelid**: Tripli, Libja **Psewdonimu ta' kwalità tajba**.: **a)** Osama Milad **b)** Osama al-Milad **c)** Osama Zawiya **d)** Osama Zawiyah **e)** Osama al Kuni **Psewdonimu ta' kwalità ħażina:** mhux disponibbli **Nazzjonalità:** Libja **Numru tal-passport**: mhux disponibbli **Numru tal-identifkazzjoni nazzjonali**: mhux disponibbli **Indirizz:** Zawiya, Libja **Elenkat fi**: 25 ta' Ottubru 2021 **Informazzjoni oħra:** Bħala maniġer de facto taċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Al Nasr il-persuna kkonċernata direttament, u/jew permezz ta' subordinati, kienet involuta fi jew ipprovdiet appoġġ għal atti li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem applikabbli, jew atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja. Il-persuna kkonċernata aġixxiet għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' żewġ individwi elenkati li huma intrinsikament marbuta mal-attivitajiet ta' traffikar tal-bnedmin tan-network Zawiyah, jiġifieri Mohamed Kashlaf (LYi.025) u Abdulrahman al Milad (LYi.026). Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi).

Elenkat skont il-paragrafi 11 (a), 11 (f) tar-riżoluzzjoni 2213 (2015); il-paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni 2441 (2018).

Informazzjoni addizzjonali

Bħala maniġer de facto taċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Al Nasr il-persuna kkonċernata direttament, u/jew permezz ta' subordinati, kienet involuta fi jew ipprovdiet appoġġ għal atti li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem applikabbli, jew atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja. Il-persuna kkonċernata aġixxiet għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' żewġ individwi elenkati li huma intrinsikament marbuta mal-attivitajiet ta' traffikar tal-bnedmin tan-network Zawiyah, jiġifieri Mohamed Kashlaf (LYi.025) u Abdulrahman al Milad (LYi.026). Għal snin sħaħ, iċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Al Nasr f'Zawiyah ġie identifikat fil-pubbliku u f'rapporti kunfidenzjali li jiddeskrivu s-sitwazzjoni mwiegħra tal-migranti u ta' dawk li jfittxu l-asil fil-Libja, inkluż it-tortura, il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u t-traffikar tal-bnedmin. L-organizzazzjonijiet umanitarji u l-vittmi tat-traffikar identifikaw b'mod konsistenti lill-persuna kkonċernata bħala l-maniġer de facto taċ-ċentru ta' detenzjoni. Tliet individwi li kienu qed jaħdmu fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Al Nasr ingħataw sentenzi ta' ħabs għat-tortura tal-migranti fiċ-ċentru ta' detenzjoni."